**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 315/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Emanuel CIANTAR**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Ġunju 2022 fil-konfront ta' Emanuel CIANTAR, iben Frances u Angela nee` Apap, imwieled fil-21 ta' Diċembru 1969, u joqgħod 81, Ummagumma, Triq Cospicua, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 8170(M), illi ġie mixli talli nhar it-23 ta' Lulju 2020, ġewwa l-Fgura:

   Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-

awtorita` tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lil Emanuel CIANTAR ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza skont l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti spjegat l-import u l-obbligi naxxenti skont l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

   In oltre wara li rat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-ħati sabiex fi żmien ġimgħa jgħaddi kopja taċ-ċavetta u r-*remote* lill-parte ċivile u wissietu li jekk jonqos milli jikkonforma ma' din l-ordni, huwa jista' jeħel ta' reat ieħor b'ammenda ta' €4.66 sa €23.29 għal kull ġurnata li matulha jkompli dan in-nuqqas, wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Emanuel CIANTAR appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' dan l-appell billi "*tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet premessi, fejn sabitu ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena*".

## D. L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT

4. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Huwa jgħid illi l-ewwel Qorti ma setgħet qatt issib lill-appellant ħati abbażi tal-provi miġjuba quddiemha meqjusa l-elementi kostituttivi tar-reat ta' *ragion fattasi* u dan fid-dawl tan-nuqqas ta' żewġ elementi li jsawru r-reat. Skont l-appellanti, l-ewwel element ossia l-att estern spoljattiv, huwa mankanti u dan għaliex il-*file* tal-*minibus*, kif ukoll iċ-ċavetta u r-*remote control* tal-garaxx in kwistjoni dejjem kienu fil-pussess tal-appellant u qatt fil-pussess tal-parte ċivile. Skont l-appellant in oltre lanqas ma jirriżulta t-tielet element kostituttiv tar-reat u dan fis-sens illi ma tirriżultax ix-xjenza illi hu kien qed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu sar permezz tal-awtorita` pubblika, la darba huwa żamm il-pussess li diġa` kellu. Jillanja wkoll l-istess appellant in kwantu huwa ġie mixli li kkommetta r-reat odjern nhar it-23 ta' Lulju 2020 u dan meta mill-provi jirriżulta illi huwa ma baqax jgħix fid-dar matrimonjali b'effett mit-13 ta' Lulju 2020.

5. Illi permezz tat-tieni aggravaju, mbagħad, l-appellant isostni illi fi kwalunkwe każ japplika t-tieni proviso tal-Artikolu 85 għall-każ in diżamina u dan għaliex id-deċiżjoni tiegħu li ma jagħtix kopja taċ-ċavetta u tar-*remote control* tal-garaxx in kwistjoni lill-parte ċivile kienet miżura temporanja sabiex jiddefendi lilu nniffsu u dan skont hu, fid-dawl tal-vendikazzjonijiet li għamlitlu l-parte ċivile fil-passat.

## E. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat:**

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-23 ta' Lulju 2020, irrikorriet ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura, ċerta Antonia Ciantar Lautier, il-parte ċivile, li rraportat lil żewġha, l-appellant Emanuel CIANTAR minħabba li skont kif qalet hi, huwa kien ħa mid-dar matrimonjali tagħhom *file* bl-isem ta' *minibus* fuqu, li kien jikkontjeni xi

dokumenti u riċevuti, kif ukoll iċ-ċavetta u r-*remote* ta' garaxx, li tiegħu huma ko-proprjetarji, u li fih kien hemm xi vetturi u nġenji. Il-parte ċivile preżentat kopja ta' kuntratt, li juri illi l-istess garaxx huwa proprjeta` tagħha u ta' żewġha.

7. Sussegwentement, il-Pulizija għamlu kuntatt ma' Emanuel CIANTAR li ntalab sabiex jirritorna ċ-ċwievet, iżda dan wieġeb illi ma kienx se jagħmel dan, għaliex martu kellha problemi ta' natura mentali. Għalhekk huwa ġie mgħarraf mill-Pulizija illi kienu se jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu.

8. Kif ingħad, nhar l-20 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellant ħati tar-reat ta' *ragion fattasi* fit-termini tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat ukoll:**

9. Ir-reat ta' *ragion fattasi* huwa regolat mill-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Is-sub-artikolu (1) tal-istess artikolu jgħid hekk:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:
>
> Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa:
>
> Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor:
>
> ...

10. Minn qari tal-imsemmi artikolu minnufih jirriżulta illi sabiex jitqies integrat ir-reat ta' *ragion fattasi*, l-ewwel irid jiġi eskluż ir-reat ta' serq (bil-kwalifiki kollha tiegħu) u tal-ħsara volontarja. Ikun għalhekk neċessarju li l-Qorti tagħmel eżerċizzju approfondit ta' apprezzament tal-fattispeċje tal-każ u taċ-ċirkostanzi li jsawruh, sabiex tasal għall-aħjar definizzjoni tar-reat rilevanti. Ir-reat ta' *ragion fattasi* huwa wieħed li jirrikjama elementi mill-kamp ċivili[1], iżda l-enfasi fil-kamp penali m'hijiex daqstant illi jiġu solvuti kwistjonijiet ta' titolu fuq il-proprjeta` jew l-oġġett li jkun, iżda li jiġi determinat jekk kienx hemm turbament jew tfixkil fil-pussess u t-tgawdija tal-oġġett rilevanti, b'mod li jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali.

11. Illi skont ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna[2], ġie stabbilit illi l-elementi li jsawru r-reat ta' *ragion fattasi* huma s-segwenti:

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

---

[1] Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fid-19 ta' Ġunju 2002, ingħad hekk:

"Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

> "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II).

[2] Ara fost oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et,** Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Ottubru 1944, Vol. XXXII - IV, p.768; **Il-Pulizija vs Carmel magħruf bħala Charles Farrugia**, Qorti tal-Appell Kriminali, 17 ta' Frar 1995; **Il-Pulizija vs Reno Micallef**, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Ġunju 1995; **Il-Pulizija vs Eileen Said** fuq ċitata; **Il-Pulizija vs Spiro Bartolo**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Jannar 2006; **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Ġunju 2014; **Il-Pulizija vs Gona Caruana u Salvu Caruana**, Qorti tal-Appell Kriminali, 31 ta' Lulju 2018; **Il-Pulizija vs Ivan Grech Mintoff**, Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta' April 2021; u **Il-Pulizija vs Michael (Michael-Joseph) Hudson, Sylvia Mary Hudson**, Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Settembru 2022.

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f’reat aktar gravi.

12. Illi kif ingħad diversi drabi minn dawn il-Qrati, l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa intiż mhux sabiex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli ta’ dak li jkun, għaliex ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni ċivili, iżda sabiex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat tal-awtorita` pubblika (**Il-Pulizija vs Salvina sive Silvia Incorvaja**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta’ Lulju 1994). Minn qari tal-elementi li trid il-liġi, huwa ċar illi r-reat ta’ *ragion fattasi* huwa intiż sabiex jissanzjona dak il-komportament arbitrarju ta’ persuna li tippretendi li għandha dritt illi taġixxi minn jeddha, sabiex teżerċita d-drittijiet tagħha, mingħajr ma tadixxi l-awtoritajiet kompetenti. Dan ir-reat jinkwadra ruħu proprju meta dak li jkun jissostitwixxi ruħu għall-awtoritajiet u jaġixxi b’mod arbitrarju, b’konvinzjoni li huwa jkollu d-dritt illi jaġixxi kif qiegħed jaġixxi. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta’ Ġunju 1961, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Dimech**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar dan:

> Id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta’ raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista’ jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

13. Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Ġunju 2002:

> Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta’ dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta’ dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta’ serq jew danni volontarji fuq proprjeta’ ta’ haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

14. Bl-istess mod fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Bongailas</u>**, ġie ritenut is-segwenti:

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.
>
> ...
>
> Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

15. Dak li l-liġi tirrikjedi meta fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jissemma l-'pussess' jemerġi mill-insenjament ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Marzu 1991, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Vassallo</u>**, fejn ġie ritenut is-segwenti:

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

16. Illi għalhekk ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fiż-żamma tal-pussess li dak li jkun diġa` jkollu. Huwa neċessarju li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa. Kif jgħallem il-Professur Mamo:

The material element consists, as we have said, in depriving another person of a right or thing he is enjoying. The offence, therefore, does not arise where the act consists merely in the retention of possession already enjoyed by the agent: "Qui continuat non attentat". The deprivation of including the interference with, somebody else's possession is essential: "L'atto esterno deve privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continue a goderne a dispetto di chi non lo voglia, non delinque perche' la legge protegge lo 'statu quo', il quale non puo' variarsi tranne che per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale" (Carrara – Prog. Parte Speciale, Vol 5, para. 2850 note...) [3]

17. Fejn si tratta ta' ko-pussessuri, il-pożizzjoni li jħaddnu l-Qrati tagħna hija dik kif spjegata minn din il-Qorti, kif diversement preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, fejn ingħad hekk:

**Il-ko-possessuri ta' oġġett għandhom - sakemm ma jiġix miftiehem jew ordnat mod ieħor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod ieħor fil-liġi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oġġett.** L-istess jingħad għall-koproprjetarji: dawn għandhom drittijiet indaqs fuq l-oġġett u, kif jipprovdi espressament l-artikolu 491 (b) tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm kull wieħed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun, dan ma jistax jagħmlu b'mod li ma jħallix lill-koproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom." ... Fil-każ tal-pussess – għax l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jittutela l-pussess u mhux il-proprejta` - dak li hu meħtieġ hu li l-ko-possessuri jagħmlu, kull wieħed minnhom, użu raġonevoli mill-oġġett b'mod li ma jkunx jista' jingħad li wieħed qed jippriva lill-ieħor mit-tgawdija raġonevoli ta' dak l-oġġett. U l-istess jista' jingħad

[3] *Notes on Criminal Law*, Vol. II, pg. 33. Ara wkoll f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Eileen Said** fuq ċitata; **Il-Pulizija vs Anthony Zahra**, li għaliha saret referenza iżjed 'il fuq; **The Police vs Jane Deguara**, Qorti tal-Appell Kriminali, 5 ta' Diċembru 2003; **Il-Pulizija vs Giuseppe Camilleri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Lulju 2020.

> fil-konfront ta' xi oġġett formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li jkun fil-pussess tal-konjuġi, ġaladarba l-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwist tmiss lil kull waħda mill-partijiet miżżewġin (artikolu 1322(1) tal-Kodiċi Ċivili). (enfasi miżjud)

F'dan il-każ, il-Qorti qieset illi bil-fatt illi l-appellanti ħadet vettura għall-użu esklussiv tagħha għal iktar minn sena, meta sa dak iż-żmien, din kienet fil-pussess kemm tagħha, kif ukoll ta' żewġha, hija fixklet lil żewġha fil-pussess ta' ħwejġu u għalhekk kien jirriżulta r-reat taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

18. Hekk ukoll iddeċidiet din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Marzu 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jane D'Alfonso**, fejn intqal hekk:

> Għad dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ukoll ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi jedd fuqu/ha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment **meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta'** u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. (enfasi miżjud)

F'dan il-każ, minkejja li l-appellanti kienet l-utenti prinċipali tal-vettura in kwistjoni, u illi l-parte ċivile seta' kellu użu iżjed frekwenti ta' vetturi oħrajn li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti qieset illi dan ma kienx ifisser illi l-appellanti kellha d-dritt li ċċaħħad lil żewġha mit-tgawdija tal-istess vettura, iżjed u iżjed meta din il-vettura kienet inxtrat fiż-żwieġ u kienet reġistrata fuq il-parte ċivile. Il-Qorti qieset in oltre illi l-fatt illi ċ-ċwievet kienu disponibbli għall-użu taż-żewġ partijiet f'garaxx komuni għat-tnejn, kienet indikazzjoni ċara tal-fatt illi l-parte ċivile kellu d-dritt tal-użu u t-tgawdija, minkejja li dan l-użu seta' kien wieħed sporadiku. In-nuqqas tal-appellanti li tgħaddi ċ-

ċwievet il-ġodda tal-vettura lill-parti ċivile wara li saru tiswijiet fis-serratura tal-bieba tal-istess vettura, wassal sabiex hija ċċaħħad lil żewġha mit-tgawdija tal-istess vettura.

**Ikkunsidrat ukoll:**

19. Illi eżaminata l-ġurisprudenza in materja, jeħtieġ illi l-prinċipji esposti jiġu applikati għall-fattispeċje tal-każ odjern.

20. Illi jirriżulta mix-xhieda tal-partijiet f'dawn il-proċeduri u m'huwiex kontestat illi l-garaxx in kwistjoni, bl-indirizz, Sean, 76, Triq l-Iskola, Fgura, inxtara fiż-żmien li l-konjuġi CIANTAR kienu għadhom miżżewġin u għalhekk fiż-żmien meta kien japplika fil-konfront tagħhom, ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Jirriżulta wkoll illi kien biss ftit tal-jiem qabel sar ir-rapport odjern mill-parte ċivile illi l-appellant ħareġ mid-dar matrimonjali. Lanqas ma huwa kontestat illi fiż-żmien li l-appellant kien jgħix fid-dar matrimonjali ċ-ċavetta u r-*remote control* tal-garaxx in kwistjoni, kienu fil-pussess tal-appellant u dan fis-sens illi huwa kien iżommhom f'*keybox*, biċ-ċavetta tal-*keybox* tinżamm minnu. Jirriżulta wkoll illi fl-istess garaxx, kien jinżamm *camper* kif ukoll *minivan* li kien jintuża fin-negozju tal-partijiet, billi l-appellant kien iġorr it-tfal tal-iskola, kif ukoll illi l-użu tal-garaxx kien fil-maġġor parti tal-appellant tenut kont illi l-istess *minivan* kien jinżamm fil-garaxx. Il-parte ċivile tixhed illi hija ġieli kienet tagħmel użu mill-garaxx meta kienet tgħin lil żewġha biex flimkien joħorġu bil-*camper*, jew inkella meta kienet iġġib xi affarijiet bħal affarijiet tal-ikel mill-istess *camper*, skont hi, meta kienet tinsa xi ħaġa. F'dawn l-okkażjonijiet hija kienet titlob lill-appellant sabiex jagħtiha ċ-ċwievet tal-garaxx u huwa kien jagħtihomlha. Tixhed illi qatt ma kellha problemi f'dan ir-rigward, sakemm nhar it-23 ta' Lulju 2020, hija talbet lil żewġha kopja taċ-ċavetta tal-garaxx, iżda huwa rrifjuta illi jagħtihielha.

21. Illi huwa wkoll indubitat kif nhar it-23 ta' Lulju 2020, meta l-appellant irrifjuta li jagħti kopja taċ-ċavetta u tar-*remote control* tal-garaxx lill-parte ċivile, il-partijiet kienu għadhom mhux legalment separati u ma

kien għad hemm l-ebda ftehim jew ordni minn awtorita` kompetenti fir-rigward tad-diviżjoni jew użu u tgawdija tal-istess garaxx. In linea mal-ġurisprudenza ċitata iktar 'l fuq, jirriżulta għalhekk kif il-parte ċivile bħala ko-proprjetarja tal-garaxx in kwistjoni, kienet ukoll ko-possessur tiegħu bid-drittijiet indaqs fuq il-beni kollha li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, inkluż id-dritt ta' tgawdija indaqs ma' żewġha fir-rigward tal-istess proprjeta`. Il-fatt li hija ftit li xejn kienet tagħmel użu minn dan il-beni immobbli ma jfissirx illi hija ma kellhiex id-dritt ta' tgawdija fuq l-istess fond, liema dritt hija kienet teżerċitah qabel l-inċident tat-23 ta' Lulju 2020, billi kienet titlob lil żewġha l-appellant iċ-ċavetta tal-istess garaxx, liema ċavetta fil-fatt qabel dakinhar kienet tingħata lilha. Dan ifisser illi minkejja li dan l-użu kien sporadiku u anke rari da parti tagħha, qabel dakinhar, hija setgħet tużah meta riedet u kienet taf li l-appellant kien se jagħtiha aċċess billi jagħtiha ċ-ċavetta kull meta riedet tagħmel dan. Fi kliemha stess, ma kienx hemm problemi dwar dan qabel l-appellant telaq mid-dar. Kien biss minn dakinhar tat-23 ta' Lulju 2020 illi l-appellant ċaħħadha mill-użu tal-istess fond, meta rrifjuta li jagħtiha kopja taċ-ċavetta u tar-*remote control* tal-istess garaxx, b'dan għalhekk illi f'dan l-istadju, huwa bidel l-i*status quo* li kien jeżisti sa dakinhar.

22. Illi m'hemmx dubju wkoll illi mal-mument illi l-appellant irrifjuta li jgħaddi kopja taċ-ċavetta lill-parte ċivile, huwa kien qiegħed jaġixxi unilateralment minflok adixxa awtorita' kompetenti sabiex tkun hi li tirregola dawn il-kwistjonijiet bejn il-konjuġi pendenti s-separazzjoni bejniethom. Mal-mument illi l-appellant, arbitrarjament, ma riedx iktar jagħti ċ-ċavetta lill-parte ċivile u għalhekk aċċess għall-garaxx, il-parte ċivile ġiet imfixkla fit-tgawdija li kellha sa dakinhar u li kienet tispetta lilha bil-liġi.

23. Magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jirriżultaw ippruvati l-estremi tar-reat prevvist fl-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

24. Illi in kwantu għall-aggravju tal-appellant CIANTAR marbut mad-data li fiha seħħ ir-reat, kif indikata fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha tressaq

fil-proċeduri odjerni, l-appellant isostni illi huwa kien diġa` telaq mid-dar matrimonjali u għalhekk kien diġa` ħa miegħu ċ-ċavetta u *r-remote control* tal-garaxx in kwistjoni fid-data hekk indikata. Fir-rigward jirrizulta illi ċ-ċitazzjoni tindika data preċiża ossia t-23 ta' Lulju 2020, meta l-appellant allegatament wettaq l-att estern li permezz tiegħu fixkel lill-parte ċivile fil-pussess tal-oġġett kontiz, u ċioe` tal-garaxx ġewwa Triq l-Iskola, Fgura. Għaldaqstant, l-ewwel Qorti kienet marbuta b'parametri temporali preċiżi u mhux bi żmien approssimattiv ta' meta seħħet l-azzjoni li dwarha martu għamlet rapport. Huwa għalhekk importanti li jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti x'inhu dak l-aġir li allegatament ġie kommess mill-appellant bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, u meta bħala żmien dan ġie effettivament kommess bir-riżultat illi huwa fixkel lill-parte ċivile fit-tgawdija tal-imsemmi garaxx.

25. Illi jingħad li għalkemm mir-rapport li l-parte ċivile għamlet ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura nhar it-23 ta' Lulju 2020, ġie indikat illi hija lmentat mill-fatt li l-appellant CIANTAR *"kien ha mid dar matrimonjali taghhom li tinsab ġewwa l fgura file b isem ta' mini bus fuqu li kellu xi dokumenti u ircievuti kif ukoll ic cavetta ta garaxx komuni kif ukoll ir remote ta dan l imsemmi garaxx li fih kien hemm xi vetturi u ingenji"*[4], meta matul ix-xhieda tagħha tal-20 ta' Ġunju 2022, quddiem l-ewwel Qorti, ġiet mistoqsija x'kienet ir-raġuni għaliex hija għamlet rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, hija wieġbet li dan għamlitlu għaliex ir-raġel tagħha ma riedx jagħtiha ċ-ċavetta tal-garaxx in kwistjoni:

> AVUKAT: ... Inti ghamilt rapport l ghassa. Spjegalna ftit meta u ghalfejn għamiltu dan ir rapport. Għamiltu fit-23 ta' Lulju.
>
> AVUKAT: ta liem sena?
>
> XHUD: 2020. **Ghax tlabtu c cavetta tal-garaxx li ghandha (recte: għandna) u ma riedx jaghtihieli**, **ma ried jaghtini kopja taghha**.[5] (enfasi tal-Qorti)

[4] Ara a fol. 3 tal-proċess.
[5] A fol. 26 tal-proċess.

26. Illi fix-xhieda tagħha fil-mori ta' dan l-appell, fl-udjenza ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2023, fuq domanda tal-Qorti, il-parte ċivile kkonfermat kif sakemm żewġha kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali, iċ-ċavetta u r-*remote* ta' dan il-garaxx kienu dejjem fil-pussess tiegħu, iżda meta hija kien ikollha bżonnhom biex tidħol f'dan il-garaxx, kienet titlobhom lilu u kien jagħtihomlha:

| | |
|---|---|
| Onor. Imħallef: | ... Mela sewwa dawn iċ-ċwievet allura u r-remote control li kien hemm sett wieħed inti qed tgħid li kienu jkunu fil-pussess tas-Sinjur? |
| Antonia Ciantar Lautier: | Eħe. |
| Onor. Imħallef: | ... U fejn kienu jinżammu dawn iċ-ċwievet u dan ir-remote control inti taf? Kienu jinżammu fid-dar jew banda oħra? |
| Antonia Ciantar Lautier: | Meta telaq mid-dar ħadhom miegħu. |
| ... | |
| Antonia Ciantar Lautier: | **Kont tlabthielu bil-fomm meta telaq mid-dar kont tlabtielu bil-fomm.** |
| Onor. Imħallef: Le. | Meta telaq mid-dar mhux qabel? |
| Antonia Cianatar Lautier: | Ma kienx hemm problemi qabel u.[6] |

27. Imbagħad, a fol. 64 tax-xhieda tagħha, il-parte ċivile kkonfermat li qabel ma nqala' l-inkwiet bejn il-konjuġi, hija kienet titlob aċċess lill-appellant sabiex taċċedi għal dan il-garaxx u kienet tingħata ċ-ċavetta biex tidħol:

[6] A fol. 62 u 63 tal-proċess.

> Dr. Marthese Ellul Grech: mela Sinjura jiġifieri qabel, qabel ma ġġilidtu jiġifieri jekk kien ikollok bżonn tmur fil-garaxx int x'kien jiġri għal din iċ-ċavetta? Kont taqbad u toħodha x'kien jiġri eżatt?
>
> Antonia Ciantar Lautier: Kont ngħidlu jtihieli u mmur u.

28. Għaldaqstant jirrizulta illi dak li fixkel lill-parte ċivile mit-tgawdija tal-garaxx in kwistjoni, ma kienx l-att innifsu li permezz tiegħu l-appellant telaq mid-dar matrimonjali u ħa miegħu ċ-ċavetta u r-*remote control* tal-istess garaxx u dan għaliex anke li kieku ma telaqx mid-dar matrimonjali, il-parte ċivile xorta waħda kienet titlob lill-appellant sabiex jagħtiha ċ-ċavetta sabiex taċċedi għall-garaxx. Dan ifisser illi <u>l-istatus quo tal-parte ċivile nbidel</u> mal-mument illi l-appellant irrifjuta li jagħtiha kopja ta' din iċ-ċavetta. Fil-fatt, kif ingħad, il-parte ċivile xehdet illi dak li wassalha sabiex tagħmel rapport dakinhar tat-23 ta' Lulju 2020 kien il-fatt illi żewġha l-appellant irrifjuta, fuq talba tagħha, li jagħtiha ċ-ċavetta tal-garaxx, sabiex hija tkun tista' taċċedi fih. Għalhekk, id-data fiċ-ċitazzjoni kif dedotta kontra l-appellant hija korretta, għaliex tirreferi proprju għal dan l-episodju meta l-parte ċivile talbet iċ-ċavetta lill-appellant u dan irrifjuta li jagħtiha kopja tal-istess ċavetta u għalhekk aċċess għall-imsemmi garaxx.

29. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

30. Ikun jifdal illi jiġi mistħarreġ jekk l-appellant għandux raġun illi dan huwa każ li jimmerita l-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali u dan b'rabta mat-tieni u l-aħħar gravam tal-appellant sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti. Dan il-proviso jaqra hekk:

> Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.

31. Illi dan il-proviso miżjud fl-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att XIII tas-sena 2018, jittratta dawk l-istanzi fejn l-azzjoni titqies leġittima bħala miżura temporanja sabiex wieħed jipproteġi lilu nnifsu jew lil ħaddieħor. Skont il-ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna, fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ta' difiża leġittima – l'hekk imsejjaħ *vim vi repellere licit* – jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn l-att li permezz tiegħu wieħed jaġixxi unilateralment bi pretensjoni ta' dritt bl-intiża li jiddisturba lil ħaddieħor fil-pussess jew użu ta' xi ħaġa li qed igawdi u l-att ta' fejn wieħed ikun qiegħed jaġixxi fl-interess li jiddefendi l-proprjeta` tiegħu minn attakk inġust. Fir-rigward, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Novembru 2018, din il-Qorti, kif diversement preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Paul Muscat** irriteniet is-segwenti:

> Crivellari dwar din id-difiza ighid:
>
> *"La massima vim vi repellere licet, come l''altra qui continuat non attentat...escludono l''esercizio arbitrario. Egli è perciò che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigerà una siepe, in quello stesso momento avrò diritto di abbatterla, allora respingerò un arbitrio, ma non commetterò mai un atto arbitrario."*
>
> Antolisei ukoll jispjega f'dan ir rigward li : "L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l''autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l''antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l''interesse del possessore."
>
> ...
>
> Carrara isostni li l-maxim maxim vim vi repellare licet "*non e' soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali; esse si*

*estende a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprieta`, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame*."

Dwar dan il-principju Professor Anthony J. Mamo isostni li:
*"No offence is committed if the aġent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others"*

Illi pero` din il-Qorti tipprovdi li sabiex dan il-principju jissusti huwa importanti li l-att biex tirripella l-forza f'dan il-kaz it-tibdil tas-serratura isir bla telf ta' zmien u mhux gimgha wara kif gara f'dan il-kaz ta' tibdil ta' serratura f'Jannar 2017. Din id-difiza għalhekk qed tigi michuda wkoll.

32. Ukoll fil-kawża fl-ismijiet **The Police vs Jane Deguara** deċiża b'sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-5 ta' Diċembru 2003 intqal is-segwenti:

Appellant claims that what she did does not amount to the arbitrary exercise of a pretended right in violation of Section 85 of the Criminal Code. She claims that since her husband had gained possession of the house in an arbitrary way, all that she had done was to put her mother back in sole possession of the house, in other words, to revert to the status quo ante. This Court cannot, in the instant case, accept this argument.

It is true that doctrine has long since laid down the rules expressed in the maxims *vim vi repellere licet* and *qui continuat non attentat*.

Wara li rreferiet għal Crivellari[7] u għal Antolisei[8], kif ċitati iżjed 'il fuq, fis-sentenza ċitata fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti kompliet hekk:

It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the

[7] ***Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc.*** UTET, 1895, Vol. VI, page 751 (para. 303).
[8] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II*** *Giuffre`* (Milano), 1986.

> opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. *The raison d'etre* for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities – one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authorities.

33. Jingħad mill-ewwel illi fil-każ in diżamina m'hemmx lok għall-applikazzjoni ta' din id-difiża. Dan għaliex, l-atti proċesswali huma karenti minn prova, imqar sal-livell tal-probabbli, illi tassew l-appellant aġixxa minħabba l-bżonn attwali li jirrespinġi azzjoni nġusta li saret fil-konfront tiegħu in kwantu l-garaxx jew il-beni kkustoditi ġewwa fih. L-appellant jixhed illi huwa rrifjuta li jagħti kopja taċ-ċavetta lill-parte ċivile għaliex fil-garaxx kien hemm affarijiet tiegħu personali u jsemmi l-biża' tiegħu li setgħet issir xi vendikazzjoni fuq il-*minibus* u xi *invoices* tan-negozju preċedenti li kellu minħabba xi episodji li fihom, skont hu, il-parte ċivili wettqet ħsara fuq il-proprjeta` tagħhom. Fir-rigward il-Qorti tqis illi apparti illi dawn baqgħu biss allegazzjonijiet li ma ġewx sostanzjati bi provi konkreti bħal per eżempju xi rapport li huwa għamel lill-Pulizija fil-konfront tal-parte ċivile, jew ritratti li juru dawn l-inċidenti, in oltre lanqas jirriżulta illi huwa rrifjuta li jgħaddi kopja taċ-ċavetta in kwistjoni fl-istess waqt ta' xi nċident simili sabiex b'hekk ikun jikkonkorri l-element tal-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu, kif trid il-liġi. L-appellant jgħid biss li "*dak iż-żmien ippruvat tagħmel suwiċidju quddiem it-tfal*"[9] u jirreferi għall-vendikazzjonijiet preċedenti da parti tal-parte ċivile.

[9] A fol. 31 tal-proċess.

34. Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

35. Illi finalment il-Qorti tinnota li mill-verbal tal-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar l-24 ta' Jannar 2023, jirriżulta illi "*Dr. Ludwig Caruana ghall-appellant jinforma lill-Qorti li fil-mori tal-appell l-appellant ikkonsenja c-cavetta tal-garaxx meritu tal-kawza in kwistjoni*".[10] Għalhekk, l-Ordni mogħti mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali m'għadux neċessarju.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeċiedi l-appell tal-appellant Emanuel CIANTAR billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu l-istess appellant instab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema terminu għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza, tirrevoka l-Ordni magħmul mill-ewwel Qorti fit-termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

[10] A fol. 53 tal-proċess.